# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2016

**Talba numru: 681/2014AM3**

**Numru fuq il-lista: 28**

**Antonio Saliba (I.D. 553776M) in rapprezentanza tad-ditta**
**Refill Planet, 67 Mensija Road,**
**San Gwann**

**Vs**

**Eco Group Limited (C-31010) BLB 13C**
**Bulebel Industrial Estate,**
**Zejtun**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur li permezz taghha qed jitlob lis-Socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin ewro (€635) rapprezentanti l-prezz ta' prodotti (toners)

mibjugha lis-Socjeta' konvenuta mill-attur u kkonsenjati lill-istess Socjeta' konvenuta. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt; li di piu l-linka mibjugha mill-attur mhix tal-kwalita' patwita u minhabba f'hekk ikkawzat danni lis-Socjeta' intimata; li s-Socjeta' intimata talbet lir-rikorrenti sabiex jiehu lura l-linka in kwistjoni pero` din irrifjutat minghajr raguni valida. Li ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal a fol 11 li permezz tieghu fid-dawl tal-eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta t-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi.

Ra x-xhieda ta' **Louis Borg** a fol 13 et prodott mis-Socjeta' konvenuta li xehed li huwa Direttur u anke Chief Executive Officer tal-kumpanija konvenuta. Li huwa kellu zewg `printers' wiehed ghall-ufficcju u l-iehor id-dar tad-ditta 'Lexmark' u ghamel zmien il-`cartridges' tal-linka kien jixtrihom originali u minhabba li huwa jaghti hafna importanza l-ambjent sar jaf li d-ditta attrici taghmel xoghol ta' 'refill' ta' dawn il-cartridges u peress li kellu kwantita' minnhom vojta huwa ta kwantita' minnhom lill-attur sabiex ikun jista' juzahom u jerga jutilizzhom u anke jutilizzahom ghal skopijiet ta' terzi.

Xehed li l-linka disponibbli kienet biss sewda u beda jixtri l-linka mid-ditta tal-attur u kien kuntent bil-kwalita' tal-linka li nghata minghandu. Eventwalment gara li beda johrog ukoll il-kulur u beda jixtri wkoll tal-kulur. Ghamel zmien kien qed jistudja ghal 'masters' u f'dak iz-zmien kien qed jaghmel uzu estensiv tal-'printer' biex jipprintja xi partijiet mit-tezi u anke xi letteratura ohra. Gara izda li fil-'printouts' kienet qed tohrog linja hamra u dan kemm fil-'printer' tad-dar kif ukoll fil-'printer' tal-post tax-xoghol. Il-linja hamra kienet tohrog meta kien jaghmel il-'printing' bil-kulur u meta kien juza l-linka sewda kien ikun hemm sinjal fuq l-ewwel karta imbaghad donnu titnaddaf is-sistema u ma tibqax tohrog din l-istess linja. Haseb li l-problema kienet fil-'printer' u deherlu li kellu jibdel l-'imagine kit' u biddel l-'imagine kit' kemm fil-'printer' tad-dar u anke dik tax-xoghol.

Ghalkemm biddel l-'imagine kit' u nefaq spiza sostanzjali biex ghamel dan meta rega' uza l-'printer' bil-linka fornita mill-attur l-problema baqghet tippersisti u baqghet l-istess. Meta kkommunika mal-attur rapprezentant tad-ditta attrici intbaghat jara l-'printer' pero' s-segretarja qaltlu li min ra dan il-printer qallha li ma kienx fih problema f'dak li jirrigwarda l-uzu tal-linka u li se mai hemm xi 'parts' ohra tal-istess 'printer' li kellhom bzonn jinbidlu. Kien hawn li kien ippropona li d-ditta tiehu lura l-'cartridges' tal-kulur li kien xtara minghandha u jzomm dawk suwed. Fil-pussess tieghu ghandu tlett cartridges li huma cyan, tlieta huma magenta u hamsa sofor u huwa ppropona li l-attur johodhom lura u ma jhallasx taghhom. Mistoqsi l-valur ta' dawn il-'cartridges' ix-xhud xehed li mill-fatturi esebiti a fol 2 u 3 jidher li dawn jiswew hamsa u hamsin ewro (€55) kull wahda u ghalhekk jien ghandi hdax-il wahda, huwa ghandu hdax-il wahda minnhom u dispost li jroddhom lura. Il-valur komplessiv taghhom huwa ta' sebgha mija u tmienja u sebghin ewro (€778) inkluz il-VAT.

In kontro-ezami (fol 40 et) Louis Borg xehed li kien qed jaghmel hafna uzu mill-'printers' ghax kien qed jaghmel il-'Masters'. Il-konsum kien ilu u jikkalkula li pprintja kaxxa karti. Xehed li beda jbiddel l-'imagine kit' ma kellux ghalfejn jiehu parir stante li hu Inginier u joqghod fuq l-manual, l-internet, 'tiggugilja' u jghidlek x'tista taghmel u ma taghmilx. Lil Antonio Saliba ma kkonsultax mieghu izda kellem lil kumpanija tal-'printers' u kienet hi li rrakomandatlu li ahjar ibiddel il-'kits'. Il-kumpanija jisimha 'Advance'. Skont hu 'maintenance' tal-'printer' jinvolvi fil-bicca kbira li tibdel it-'toners', tnaddaf mad-dawra taghha minhabba li twaqqa' l-linka u l-'imagine kit' bidlu ghax hu parti mill-'maintenance'. Jammetti li l-problema waqfet izda wara xi xahar u nofs regghet tippersisti. Il-kumpanija fejn xtara d-'developer unit' tawh parir li jibdel id-'developer unit' u hekk ghamel cioe' minghand min xtara l-'printers'. Jammetti x-xhud li l-attur kien mar personalment jara l-'printer' fuq il-post tax-xoghol u jammetti wkoll li l-ammont fl-'invoices' huwa korrett izda li ma jridx ihallashom ghax skont hu l-attur ghandu jiehu lura l-'cartridges'.

A fol 17 et xehed **Antonio Saliba** rapprezentant tad-ditta Refill Planet liema entita tirricikla l-'cartridges' tal-'printers' u taghmel xi tiswijiet fl-istess 'printers'. Li Louis Borg kien avvicinah biex jitlob informazzjoni dwar is-servizz li jipprovdu dwar riceklagg

tal-'cartridges' tal-'printers'. Xehed li l-fatturi a fol 2 u fol 3 gew rilaxxati minnu u tlett fatturi ohra thallsu mis-Socjeta' konvenuta. L-arrangament ghal bidu bejniethom kien li l-hlas isir 'upon delivery' izda kien hemm xi diffikultajiet dwar il-hlas u kienu accettaw li jaghtu certu 'credit terms' lis-Socjeta' konvenuta. Xehed li kien irrizulta diffikulta mas-Socjeta' konvenuta f'dak li jirrigwarda 'a maintainable item' f'dan l-istess wiehed mill-'printers'. Huwa ppuntwalizza li meta jintuza printer 'ikun' hemm il-htiega li jsir manutenzjoni tieghu u mhux biss jinbidel it-'toner' izda wkoll isir manutenzjoni u uhud minn dawn il-'maintainable items' huma l-'imaging drum', id-'developer unit' li sa massimu ta' tletin elf (30,000) kopja jridu jinbidlu.

Li meta r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta infurmatu bid-difett li kienet qed tiskontra huwa mar fl-ufficini tal-istess Socjeta' u ghamel xi 'printouts' ta' statistika mill-'printer' li allegatament kien fih difett fih u rrizultalu li kien ilu jigi ulizzat sabiex saru aktar minn erbghin elf u sitt mitt (40,600) kopja u ppprezenta Dok AS1( fol 20) li juri dan. Problema ohra kienet il-'background ink' cioe' li fuq karta johrog 'background' shih ta' kulur partikolari li f'dan il-kaz il-kulur kien magenta filwaqt li fi 'printer' iehor li kellha s-Socjeta' konvenuta l-kulur li kien qed johrog kien wiehed isfar u pprezenta Dok AS2 (fol 22). Il-konkluzjoni tieghu dwar din il-problema f'dak li jirrigwarda l-'background ink' hija fis-sens li d-'developer unit' tkun waslet biex tinbidel u ghalhekk ikun jehtieg li jinbidel ukoll il-kulur taghha cioe' l-magenta. Huwa pprezenta Dok AS3 (fol 23) u AS4 (fol 24) zewg 'printouts' tal-kulur li juru li l-kuluri kienu qed jiffunzjonaw tajjeb u l-problema hija biss f'dak li jirrigwarda l-'background ink' u ghalhekk rega' sostna li l-htiega kienet li jinbidel id-'developer unit'. Dan kompla jikkonfermah meta ghamel 'download' tal-'manual' tal-'printer' u fost affarijiet ohra kien hemm li jkun hemm din id-diffikulta ta' 'background ink' u allura jkun hemm il-htiega li jinbidel id-'developer unit'. Tali informazzjoni kien ghaddiha lil Louis Borg. Huwa pprezenta l-'manual' tal-'printer' Dok AS 5 (fol 25 et)

Saru diversi diskussjonijiet bejn il-partijiet u x-xhud offra li jaghtih l-'printer' personali tieghu biex juza l-'cartridges' li kellu l-konvenut u jigi stabilit jekk id-difett kienx fil-linka jew fil-'printer' izda r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ma accettax.

In kontro ezami (fol 33 et) ix-xhud Antonio Saliba kkonferma li qabel ma nqalghet din il-kwistjoni r-relazzjoni mas-Socjeta' konvenuta kienet wahda normali hlief ghal pagamenti u rega spjega l-problema fil-'printer' tas-Socjeta' konvenuta x'kienet kif il-problema skont hu kienet li l-'imaging kit' kellu jerga jinbidel anke jekk Louis Borg kien bidlu ghaliex Borg kien qabez il-massimu ta' tletin elf (30,000) pagna u pprezenta Dok 'X' a fol 38 biex juri dan.

Ra l-verbal a fol 39 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Semgha t-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Il-kawza hija msejsa dwar jekk il-konvenut hux tenut li jhallas ghat-'toners' forniti lilu mill-attur meta huwa qed jikkontendi li tali inka ma kienetx tal-kwalita' patwita. Bhala fatt il-prezz ta' dawn it-'toners' hemm qbil. L-attur jikkontendi li t-'toners' ma kien hemm xejn hazin fihom izda kienu l-'printers' tas-Socjeta' intimata li kienu l-kawza ghaliex il-'printing' ma kienx qed jigi tajjeb u dan minhabba nuqqas ta' manutenzjoni xierqa aktar u aktar meta r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta Louis Borg kien qed jaghmel hafna kopji meta kien qed ihejji t-tezi tieghu ghal 'Masters'. Is-Socjeta' konvenuta tikkontendi li dan ma kienx minnu stante li anke biddel l-'imagine kit' il-'printing' xorta baqa' ma harigx tajjeb. L-attur jghid li anke offrielu li jghaddilu 'printer' minn tieghu sabiex jivverifika dak li qed jikkontendi huwa hux sewwa izda s-Socjeta' konvenuta irrifjutat u tinsisti li l-attur kellu jiehu lura t-toners li skont hi ma kienux tal-kwalita' patwita.

Illi dan it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jaghmel indagini dwar l-ezistenza o meno tal-vizzju allegat, ghaliex skont il-gurisprudenza taghna, min jallega li l-merkanzija kienet fi stat mhux merkantili u mhux li hija ta' generu iehor jew ta' kwalita' sostanzjalment diversa minn dik ordnata ikun qieghed jeccepixxi l-vizzju ridebitorju (Falzon vs Aquilina Vol. XXIX.iii.51); jekk il-kompratur ma jkunx jiddeducja, permezz ta' l-azzjoni l-"action redhibitoria" jew "l-actio aestimatoria" fit-termini impost mill-Kodici Civili allura ma tistax is-Socjeta' konvenuta tallega l-vizzju permezz ta' eccezzjoni. Hekk gie deciz fil-

kawza fl-ismijiet: **Paul Tabone vs Edward Cesareo Prim Awla per Imh. Victor R Sammut fis-27.1.1965 kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet Cumbo noe vs Pace Vol XVII.iii.79** fejn il-Qorti osservat: "*Decorso infruttuosament questo termine, il compratore non puo' opporre il vizio occult per via di eccezione al venditore che reclama il prezzo della cosa, senza che valga in contrario la massima "temporalia ad agendum auni perpetua ed excipiendum" che presuppone in chi deve agire entro una termine la mancanza d'interesse ad assumere la parte di attore.*" Fl-istess sens gie deciz fil-kawza: **Charles Darmanin vs Luigi Spiteri Debono pro et noe Kollez Vol XXVII.ii.534 u** fil-kawza **Anthony Mizzi et noe vs Emmanuele Schembri Appell (Kummercjali) per Prim Imh Mamo deciz 22.5.1967.**

Inoltre t-Tribunal ma jistax ma josservax ukoll li s-Socjeta' konvenuta ghalkemm tallega danni fir-risposa taghha ma ghamlet ebda kontro- talba jew gabet provi dwar id-danni allegatament subiti.

Dwar is-somma mitluba mill-attur jirrizulta mill-provi li din is-somma giet pruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' intimata u jilqa' t-talba tal-attur u jordna lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin ewro (€635) rapprezentanti l-prezz ta' prodotti ('toners') mibjugha lis-Socjeta' konvenuta mill-attur u kkonsenjati lill-istess Socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**